Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**STQARRIJA** **5 ta' Novembru 2021**

**Riċetta tas-seklu 18 terġa' tingħata l-ħajja fil-Cookalong li jmiss ta' Heritage Malta**

Is-sessjonijiet ta' tisjir organizzati minn Heritage Malta fis-sensiela 'The Inquisitor's Historic Cookalong Sessions' se jkomplu nhar il-Ħamis 18 ta' Novembru, bit-tema ewlenija din id-darba tkun l-użu tal-bajd f'Malta fis-seklu 17 u 18. Fil-fatt f'din is-sessjoni se tissajjar meringue fuq riċetta tal-1748.

F'dawk iż-żminijiet il-bajd kien diġà magħruf bħala ikel mimli nutrijenti, u riċetti magħmulin bih kienu inklużi f'diversi kotba tal-epoka. Kokijiet famużi Ewropej għarfu kemm hu versatili dan l-ingredjent bażiku u ħallew l-immaġinazzjoni tagħhom timraħ u tkattar il-kreattività. Ir-riċetti bil-bajd kienu wkoll mezz ta' distinzjoni bejn klassi soċjali u oħra, billi n-nies fil-parti l-kbira tagħhom setgħu jixtru l-bajd u jikkunsmawh kuljum. L-għarfien dwar kif jista' jintuża l-isfar u l-abjad tal-bajd wassal għal titjib fit-togħma u fil-manifattura ta' bosta prodotti, fosthom il-Pan de Spagna u l-Meringue.

Il-kċina tal-Palazz tal-Inkwiżitur aktarx li hija l-aktar kċina tal-perjodu modern bikri dokumentata tajjeb f'pajjiżna. Riċerka f'inventarji tas-seklu 17 u 18 xeħtet dawl fuq kċina mgħammra tajjeb u b'ħażna vasta ta' ingredjenti, inkluż il-bajd. Il-Proċeduri Kriminali tat-Tribunal tal-Inkwiżizzjoni wkoll jipprovdu tagħrif dwar il-konsum tal-bajd fil-perjodu bikri ta' Malta moderna. Fl-1637 l-Inkwiżitur Fabio Chigi investiga każ ta' tlett iħbieb mixlijin li kielu l-bajd f'jiem ta' sawm. Wara li ġew umiljati pubblikament fil-Birgu, huma nstabu ħatja ta' din l-akkuża u oħrajn simili, u ntbagħtu jaqdfu fuq ix-xwieni tal-Ordni għal sentejn.

Din it-tmien sessjoni ta' tisjir se ssir bil-kollaborazzjoni ta' Taste History u t-tim tagħha ta' storiċi, kokijiet u kuraturi li f'dawn l-aħħar snin għenu lil Heritage Malta tippreżenta esperjenzi kulinari uniċi. Dott. Noel Buttigieg, studjuż tal-istorja tal-ikel, se jwassal tagħrif dwar it-tema, filwaqt li Malcolm Baldacchino, wieħed mill-kokijiet ta' Taste History, se jkun qed isajjar il-meringue mir-riċetta tal-1748.

Is-sessjoni se ssir fis-Sala tal-Kardinali, fis-sular ta' fuq tal-Palazz tal-Inkwiżitur, u tibda fis-19:00.

Il-biljetti, bil-prezz ta' €12 għal kull persuna u €10 għall-membri ta' Heritage Malta, jinxtraw mis-siti u l-mużewijiet ta' Heritage Malta jew online minn https://shop.heritagemalta.org/index.asp?eventid=822. Dawk li jattendu jingħataw b'xejn kopja tal-pubblikazzjoni ta' Heritage Malta 'MUŻA – The National Community Art Museum'.